MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36/09

It-Tnejn 18 ta' Mejju 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Bailey Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Bailey Micallef u C. Chetcuti

AĠENDA

36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

36.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

36.4 Skema SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament Milied 2026;

36.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

36.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

36.7 Rapporti;

36.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

36.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 36.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 34/09 u 35/09 nem con.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

36.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kellu komunikazzjoni ma' Dr. Farrugia u Dr. Gauchi dwar il-possibilta li fil-lokalita' tal-Gudja jinsab post adekwat sabiex jitqiegħed uffiċċju (kontejner) bil-qies ta' 20ft x 10ft u post għall-ambulanza. Minn naħa ta' dawn ir-rappreżentanti ġie ssuġeriet fejn l-ajruport. Stefan propona Sqaq Xlejli (il-parti li tagħti għal Triq Victor Pasmore). Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel fuq dawn il-postijiet, Triq Bir Miftuħ (fejn Ġnien il-Kmand), Vjal it-Torri fejn il-Palazz ta' Bettina u Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel ukoll li

l-Kunsill jitlob lill-entita' kkonċernata biex tqabbad perit biex jingħata parir fejn l-aħjar post peress li hemm bżonn li jkun hemm sistema ta' drenaġġ ukoll minħabba l-kontejner.

36.3.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal Minuta 34.3.5 fejn propona biex il-Kunsill ifassal pjan ta' attivitajiet fejn ser jieħdu sehem l-għaqdiet tal-lokal.

Is-Sindku qal li l-Kunsill m'huwiex fi stadju li jikkometti ruħu biex jtella' ċertu attivitajiet minħabba l-flus u s-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill.

36.3.3 Ġiet preżentata korrispondenza relatata mas-Sidewalk Libraries, fejn il-Kunsill approva l-materjal u l-istruttura ta' dawn il-libreriji li ser jkunu qed jeħlu fil-ġonna u spazji oħra miftuħa.

36.3.4 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-perit David Ellul dwar installazzjoni ta' bust ta' Raymond Caruana fejn il-Ġnien Raymond Caruana. Dwar dan ma kienx hemm l-ebda oġezzjoni mill-membri tal-Kunsill.

36.3.5 Saret referenza għall-magna tal-BCRS, meta ser tibda topera l-magna li ġiet installata fi Triq Bir Miftuħ u titneħħa l-magna l-oħra minn Tax-Xlejli. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel komunikat mall-persuna kkonċernata.

36.3.6 Ġie preżentat ir-rapport tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Mejju 2026.

18:11hr Il-Kunsillier S.Caruana talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa.

36.3.7 Ġiet preżentanta korrispondenza li ntbgħatet minn persuna li hija nteressata li tagħmel leżjonijiet tal-yoga fil-lokalita' tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt ma' din il-persuna biex isiru l-arranġamenti neċċessarji.

36.3.8 Is-Sindku għamel referenza għall-korrispondenza li ntbgħatet mid-Direttur Ġenerali dwar tibdil fl-isem ta'Triq Mons. Pawlu Mallia. Il-Kunsill ma qabilx li dan l-isem jinbidel.

36.3.9 Is-Sindku għamel referenza għall-skema tal-Manutnezjoni u Sostenn ta' Proġetti Kapitali, fejn il-Kunsill qabel li l-Kunsill ikompli jibdel il-fanali ornamentali f'dawk it-toroq li saru mill-Gvern Ċentrali.

36.3.10 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li nħareġ il-permess minn TM sabiex isiru 15-il triq oħra bis-sistema tal-parkeġġ riservat għar-residenti. Il-Kunsill ser ikun qed jinforma lir-residenti biex jġeddu jew jagħmlu permess ġdid biex ikunu jisgħtu jipparkjaw.

## 36.4 Skema SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament Milied 2026;

Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni dwar Skema SPI/SCI/03/2026 Finanzjament – Attivitajiet Milied 2026 fejn propona sabiex il-Kunsill għal sena oħra jerġa japplika għal din l-iskema biex titella' attivita' fil-ġranet tal-Milied fil-Pjazza tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

36.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Nil

36.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

36.7 Rapporti;

Nil

36.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Il-Kunsilliera C.Chetcuti għamlet referenza għall-overtime li tħallas għax-xahar ta' April 2026, fejn ġie spjegat li l-Kunsill iħallas biss tal-overtime tal-ħaddiema. Dan il-pagament kien tas-sigħat overtime li sar fil-weekends fix-xahar ta' April u kien hemm ukoll xi differenza fil-ħlas relatat mall-festa tal-10 ta' Frar. Il-Kunsillier C. Chetcuti ġibdet ukoll l-attenzjoni dwar il-pagament ta' Datatrak fejn ġie spjegat li l-Kunsill iħallas persentaġġ mill-kontravenzjonijiet li jmorru lura fis-snin meta kien hemm ftehim ma' din il-kumpanija. Il-pagamenti nru 24/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-kunsilliera M. Micallef Bailey u sekondata mill-Kunsilliera C. Chetcuti għall-ammont totali ta' €101,839.13 u ġiet approvata nem con.

36.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (7:45pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv